MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 735/2014

**Bank of Valletta p.l.c.**
**C-2833**

**vs**

**Amanda Jayne Dingli**
**ID382102-L**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta'attrici ddikjarat illi l-konvenuta tinsab debitrici tas-Socjeta'attrici fis-somma ta' elfejn, mija u sitta u tmenin ewro, disgha u tletin centezmu (€2,186.39c), bilanc ghad-debitu fil-"Credit Card *Loan Accoun u Consumer Loan Account*" taghha mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok.'A1' sa 'A4' u Dok.'B1' sa 'B2') flimkien mal-imghax ulterjuri mit-22 ta' Settembru, 2014, sal-jum tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-

Ittra Ufficjali datata 8 ta' Jannar, 2014 (Dok.'C') u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment.

Illi, nterpellata sabiex thallas id-dejn fuq imsemmi, il-konvenuta baqghet inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din it-talba.

Illi s-Socjeta' attrici qed tipprezenta wkoll Affidavit skond il-ligi hawn anness u markat Dok.'D'.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, mija u sitta u tmenin ewro, disgha u tletin centezmu (€2,186.39c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------